MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA
U L-INTERN

MALTA

MINISTRY FOR JUSTICE
AND HOME AFFAIRS

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

LCD 13/1994/V111
LCD 1/2004

30th April, 2004

**Memo 11/2004**

Lis-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi konċernati:

Birgu, Qormi, Siġġiewi, Attard, Birżebbuġa, Floriana, Gżira, Għargħur, Hamrun, Kerċem, Luqa, Marsaxlokk, Mosta, Munxar, Paola, Qala, Safi, San Lawrenz, Santa Luċija, Swieqi, Xagħra, Żebbuġ (Għawdex).

**ELEZZJONIJIET TAL-KUNSILLI LOKALI (ĠUNJU 2004)**

Bi preparazzjoni għall-elezzjonijiet li ġejjin fit-12 ta' Ġunju 2004, dan id-Dipartiment jixtieq jiġbed l-attenzjoni tas-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi għall-obbligazzjonijiet u proċeduri relatati ma' dan l-avveniment.

Huwa essenzjali li tinnotaw b'reqqa l-materjal kollu konness ma' din iċ-ċirkolari i.e. l-***Ġabra ta' Dokumenti Meħtieġa.***

B'żieda ma' dan, qegħdin jiġu ndikati hawn taħt l-aktar affarijiet importanti li wieħed għandu jżomm f'moħħu għal dak li jikkonċerna l-elezzjonijiet tat-12 ta' Ġunju 2004. Qegħdin jiġu mehmuża wkoll il-*Memos* relevanti:-

- Is-Segretarji Eżekuttivi huma responsabbli mix-xogħol kollu amministrattiv relatat ma' l-elezzjoni fejn jirrigwarda l-Kunsill tagħhom;
- Il-*liaison* mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u l-Uffiċċju Elettorali hija essenzjali;
- Il-formula "***Informazzjoni dwar Kunsillieri Eletti***", mehmuża, hi formula mportanti li tkun trid timtela' u tintbagħat lid-Dipartiment mill-aktar fis possibbli hekk kif il-Kunsillieri jiġu eletti;
- Il-formuli tal-Ġurament tal-Ħatra għandhom jiġu ppreparati mis-Segretarji Eżekuttivi konċernati fil-forma ndikata fis-***Sample forms A sa' F*** provduti;

26/28 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA CMR 02
TEL: 21226534/5/6 FAX: 21224904

Għal dan il-għan:-

(i) Għandha tintuża karta bajda (A4 80 gsm);
(ii) Għandhom jintużaw '*Maltese character fonts'*;
(iii) Id-data tal-formula għandha timtela' kif jidher fis-*sample form* (ara wkoll *Memo* 102/95 u *Memo* 10/96);
(iv) Kunsillier jista' jagħżel li **jafferma** jew **jaħlef** meta jiġi biex jieħu l-ġurament;
(v) Id-Dipartiment (is-Sur Alfred Armeni) sejjer ikun disponibbli għal xi kjarifiki fuq il-*format* ta' dawn il-karti tal-ġurament.

- Għandu jsir użu tajjeb mir-riżorsi tal-Kunsill (*Memo* 103/95) tirrigwarda dan l-aspett);

- *Memo* 109/95 tispjega l-użu ta' l-Insignia u l-'*Lapel Badges'*;

- Iċ-ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra ta' Kunsillieri, kif ukoll il-'*mock ceremony'*, isiru **f'dati li jitħabbru aktar il-quddiem**;

- ***Sample Form H*** turi eżempju ta' Ittra ta' Aċċettazzjoni ta' Sindku/Viċi Sindku;

- Il-Proċedura ta' Votazzjoni għall-Elezzjoni ta' Sindku/Viċi Sindku hi ndikata fis-Seba' Skeda ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali.

Is-Segretarji Eżekuttivi huma mfakkra li legalment il-Kunsillieri preżenti jibqgħu fil-kariga sat-**30 ta' Ġunju 2004**. Il-Kunsillieri l-ġodda, li jiġu eletti f'din l-elezzjoni, jassumu l-kariga **b'effett mill-1 ta' Lulju 2004**, u wara li jkunu ħadu l-ġurament tal-kariga. [Art 14(1)]

Is-Segretarji Eżekuttivi għandhom jagħmlu ħilithom biex il-bidla fl-amministrazzjoni tal-lokalità ssir bl-aktar mod dinjituż u bla skossi. Id-Dipartiment jirrakomanda li qabel it-tmiem tal-Kunsill, l-aħħar laqgħa ssir biss biex jiġu konfermati u ffirmati l-minuti.

B'żieda ma' dan, *Memos* Nru. 117/95, u Nru. 7/96 jindikaw id-*'deadlines'*l li jorbtu l-Kunsilli Lokali f'dan iż-żmien; ir-'reports' staturorji msemmija għandhom jiġu sottomessi sal-31 ta' Marzu 2004.

L-Avviżi Legali u l-Press Releases li jikkonċernaw l-elezzjonijiet għandhom jiġu esebiti fin-'*Notice Boards*' tal-Kunsilli.

Il-lista tan-nominazzjonijiet tiġi mgħoddija lilkom minn dan id-Dipartiment meta tiġi pubblikata.

L-ewwel laqgħa tal-Kunsill, wara l-elezzjoni, għandha ssir "**mhux aktar tard minn ġimgħa mill-ewwel jum meta' l-Kunsillieri jkunu jistgħu jżommu l-kariga.**" (Artiklu 25(2) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali). L-elezzjoni tas-Sindku/Viċi Sindku għandha ssir f'din l-ewwel laqgħa.

Dan id-Dipartiment għandu jiġi notifikat mill-aktar fis possibbli bid-data ta' l-ewwel laqgħa tal-Kunsill il-ġdid, kif ukoll bl-ismijiet tas-Sindki/Viċi Sindki l-ġodda meta dawn jiġu eletti. ***Sample Form G*** għandha tintuża għal dan il-għan.

Infakkarkom ukoll li sabiex ikunu jistgħu jassumu l-kariga, is-Sindku u l-Viċi Sindku għandhom, mill-aktar fis, jieħdu l-ġurament tal-kariga quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja (lista ta' Kummissarji għall-Ġustizzja hija mehmuża).

James Catania
Għad-Direttur,(Gvern Lokali)

cc
Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern
Segretarju Parlamentari, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern
Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern
*Communications Coordinator*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern
Awditur Ġenerali
Il-President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Il-President, Assoċjazzjoni Segretarji Kunsilli Lokali (Malta)

JC/jc